MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 265/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**Vs**

**Olaf Cini (ID 539560M) u**
**Mary Grace Galea (ID701961M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu mill-istess socjeta' attrici l-ammont ta' hamest elef u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€5,090.16) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lil konvenuti, jew minn minhom, abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, (vide rendikont anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok A). Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, il-konvenuti

baqghu inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru u bl-imghax legali mid-data ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-imsemmi dokument markat Dok A annessa mal-atti a fol2.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010 (fol 8 tal-atti), il-konvenuti, avolja notifikati bl-avviz in esami, naqsu milli jidhru quddiem il-Qorti fl-istess seduta sabiex jikkontestaw, b'xi mod it-talbiet attrici. Ghalhekk kien gie presentat u akkordat kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess konvenuti.

Illi pero, fis-seduta sussegwenti, kif jidher mill-verbal a fol 10 tal-atti is-socjeta' attrici informat lill-Qorti illi l-konvenuta fil-mori tal-kawza, hallset l-ammont ta' €2500 waqt li l-konvenut hallas €270 akkont tal-ammont pretiz fil-konfront tieghu. Inoltre l-konvenut baqa' kontumaci.

Illi, fl-istess verbal, jinghad illi s-socjeta' attrici ddikjarat li hi ma ghandhiex aktar interess li dawn il-proceduri jitkomplew fil-konfront tal-konvenuta in rigward l-imghaxijiet u s-'sorte'.

Ikkunsidrat

Illi ta' minn jinnota illi tenut kont illi, bejn il-konvenut, ma tissusisti l-ebda solidarjeta bejniethom in rigward il-hlas tal-ammont pretiz peress li jidher evidenti li dan ma hux wiehed ta' natura kummercjali, illi vis-à-vis il-konvenuta, is-socjeta' attrici irrinunzjat ghal din l-azzjoni fil-konfront taghha kif di gja gie premess, din il-Qorti ser tiddeciedi dan il-kaz, in konnessjoni ma is-sehem li ghandu jhallas il-

konvenut mis-‘sorte’ mitluba nieqes l-ammont ta’ €270 imhallas minnu kif ukoll in rigward l-imghax dovut mill-istess konvenut u l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

Illi sehem il-konvenut, li baqa’ kontumaci jammonta ghal nofs (1/2) l-ammont globali cjoe €2545 li minnu ghandu jitnaqqas dak imhallas minnu akkont cjoe €2275.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ €2275 bl-imghax legali mit-23 ta’ Gunju 2009 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes dawn ghandhom jithallsu nofs (1/2) kull wiehed mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------